# IR-RABA' PARTI

# L-EWWEL SEZZJONI — QORTI KRIMINALI

---

11 ta' Ġunju, 1951

Imħallef :

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*

Il-Maestà Tiegħu r-Re *versus* Manuel Zammit

**Kompetenza — Piena —**
**Art. 461 (4) tal-Kodiċi Kriminali.**

*L-eċċezzjoni li l-akkużat ma għandux ikun suġġett għall-piena mhijiex waħda minn dawk l-eċċezzjonijiet li, meta jiġu sollevati quddiem il-Qorti Kriminali komposta minn Imħallef wieħed, għandha tiġi deċiża mill-istess Qorti komposta minn tliet Imħallfin. Jekk tiġi sollevata din l-eċċezzjoni, huwa kompetenti biex jiddeċidiha l-istess Imħallef li quddiemu tiġi sollevata.*

Il-Qorti — Fuq l-att ta' l-akkuża nru. 8816;

Rat in-nota ta' l-akkużat li biha eċċepixxa illi huwa kkonsenja l-oġġetti furati qabel ma nbdew il-proċeduri kontra tiegħu, u għalhekk mhux suġġett għall-piena;

Rat in-nota oppożitorja ta' l-Attorney General;

Semgħet id-difensur ta' l-akkużat u l-Avukat tal-Kuruna fuq l-inċident sollevat mill-Qorti jekk l-stess Qorti għandhiex tkun komposta minn wieħed jew minn tliet Imħallfin għad-definizzjoni ta' l-eċċezzjoni fuq imsemmija;

Ikkunsidrat;

Illi d-difiża tibbaża l-eċċezzjoni tagħha fuq l-art. 348 tal-Kodiċi Kriminali, li jiddisponi illi l-ħati ta' wieħed mid-delitti msemmijin f'dak l-artikou jiġi meħlus mill-piena, qabel xejn ma tibda titmexxa ebda proċedura kriminali kontra tiegħu, jekk fi żmien tlitt ijiem jagħti f'idejn l-awtorità kompetenti l-ħwejjeġ mixtrija; u l-istess difiża ssostni li dina l-eċċezzjoni għandha tiġi definita, taħt id-dispost ta' l-art. 461 (4) tal-Kodiċi ċitat, mill-Qorti komposta minn tliet Imħallfin;

Illi skond is-sotto-sezzjoni (6) ta' l-istess artikolu, għall-qtiegħ ta' kwistjonijiet dwar l-inkompetenza tal-Qorti, in-nul-

lità ta' l-att ta' l-akkuża, jew l-estinzjoni ta' l-azzjoni, il-Qorti għandha tkun dejjem bi tliet Imħallfin tal-Maestà tar-Re;

Illi ma hemm xejn f'dan l-artikolu, jew f'dispożizzjonijiet oħra, li meta tiġi sollevata l-eċċezzjoni illi akkużat ma għandux ikun suġġett għall-piena, għandha tkun definita din l-eċċezzjoni mill-Qorti Kriminali komposta minn tliet Imħallfin; għaliex din l-eċċezzjoni mhijiex waħda minn dawk elenkati fis-sotto-sezzjoni (6) ta' l-art. 461 tal-Kodiċi ċitat;

Għal dawn ir-raġunijiet tiddikjara li l-eċċezzjoni sollevata mid-difiża għandha tiġi definita mill-Qorti komposta minn Imħallef wieħed.